MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 54/2015

**Ab**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), gewwa l-knisja parrokkjali ta’ Had-Dingli u minn dan iz-zwiweg ma twieldu l-ebda ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mid-disgha (9) ta’ Frar, elfejn u hdax (2011),u dana permezz ta’ kuntratt redatt minn nutar pubbliku Dr Nicholas Vella LL.D., kopja ta’ liema kuntratt qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok KM1;

Illi in oltre jinghad li l-partijiet ilhom separati de facto, u li ilhom ma jghixu l-hajja mizzewga sa mis-sena elfejn u ghaxra (2010);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u ghaxra (2010), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenuta, stante dekadenza reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt, Dok KM 1, klawsola numru tlieta (3);

Illi in oltre ma hemm lanqas manteniment dovut lil ulied stante li minn dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda ulied;

Talab li l-intimata tghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Frar, 2011, izda ilhom de facto separati mis-sena 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------